Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9611 — Pavilion Energy/Iberdrola Group (European LNG Asset Portfolio))

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 386/11)

1. Fil-5 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Pavilion Energy Pte. Ltd (Singapore), ikkontrollata minn Temasek Holdings Private Limited (Singapore),

— European LNG Asset Portfolio (Spanja), li tappartjeni għall-grupp Iberdrola ("Iberdrola", Spanja),

Pavilion Energy takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' part(partijiet) minn Iberdola. Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Pavilion Energy hija kumpanija dinjija integrata fil-kummerċ tal-LNG ibbażata f'Singapore kif ukoll fil-ħażna, l-ipproċessar u t-trasport bil-baħar tal-LNG. Hija proprjetà kollha kemm hi ta' Temasek, kumpanija tal-investiment.

— European LNG Asset Portfolio tikkonsisti f'firxa ta' assi tal-LNG inkluż portafoll ta' kuntratti fit-tul għall-bejgħ u l-akkwist tal-LNG, kif ukoll diversi kuntratti anċillari dwar il-kapaċità tar-rigassifikazzjoni fir-Renju Unit u Spanja, il-kapaċità tal-pajpijiet tal-LNG fil-fruntiera bejn Spanja u Franza kif ukoll l-iskeda tal-bastiment MEGI LNG mibni ġdid.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9611 — Pavilion Energy/Iberdrola Group (European LNG Asset Portfolio)

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.